MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1263/2002/1

**Visual & Sound Communications Limited**

**vs**

**Triton Investments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Mejju 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm261.03) rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Roberta Lepre, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u tlett centezmi (Lm261.03), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------